MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 1806/2001/1

**Mixer Concrete Works Limited**

**vs**

**Borg Transportation Limited u Mixer Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni.

Permezz ta` rikors tas-sebgha u ghoxrin (27) ta` Lulju elfejn (2000) fl-ismijiet *Borg Transportation Limited vs Mixer Limited* is-socjeta` konvenuta Borg Transportation Limited iddikjarat illi s-socjeta` konvenuta Mixer Limited hija proprjetarja *"tal-art maghrufa bhala ta` San Martin fil-limiti ta` Zebbug, Malta, tal-kejl superficjali ta` cirka 11709.99 metri kwadri illi llum hemm mibnija fuqa concrete mix plant u benefikati ohra, kif ahjar deskritti mill-*

*Perit AIC Joseph Ellul Vincenti fis-subasta Hardrocks Ltd vs Mixer Ltd numru 73/98”*.

L-istess socjeta` konvenuta Borg Transportation Limited talbet li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-bejgh in subbasta tal-art fuq deskritta;

Permezz ta` digriet tal-hmistax (15) ta` Jannar, elfejn u wiehed (2001) din l-Onorabbli Qorti *inter alia* laqghet it-talba tas-socjeta` Borg Transportation Limited ghaz-zamma tal-bejgh in subbasta numru 79/2000;

Il-proprjeta` immobbli indikata fl-imsemmi rikors hija proprjeta` tas-socjeta` attrici u mhux tas-socjeta` Mixer Limited u dan permezz ta` kuntratt ta` bejgh tad-disgha (9) ta` Settembru elf, disa` mija u tmienja u disghin (1998) fl-atti tan-Nutar Antoine Agius (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. A);

Is-socjeta` attrici mhix debitrici tas-socjeta` konvenuta Borg Transportation Limited, liema socjeta` qeghda tippretendi hlas mis-socjeta` konvenuta Mixer Limited;

Ghalhekk l-atti tas-subasta numru 79/2000 fl-ismijiet *Borg Transportation Limited vs Mixer Limited* huma nulli u bla effett;

Talbu lil konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara bhala nulli u bla effett l-atti tas-subasta numru 79/2000 fl-ismijiet *Borg Transportation Limited vs Mixer Limited* u l-proceduri kollha relattivi u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet.

It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` attrici.

Il-kuntratt pubbliku msemmi fic-citazzjoni, dak tad-9 ta` Settembru, 1998 maghmula fl-atti tan-Nutar Antoine Agius, sar proprju ftit granet biss wara illi l-Perit Jos. Ellul Vincenti rrelata dwar l-art *de quo* fl-atti tas-subbasta 73/98 fl-ismijiet Hardrocks Limited vs Mixer Limited, u li sa dak iz-zmien l-proprjeta` in kwistjoni kienet indubbjament tas-socjeta` Mixer Limited.

Ghalhekk dan il-kuntatt sar proprju sabiex jiskapula l-ordnijiet ta` l-Onorabbli Qorti istanti u sabiex jkunu skapulati kwalsiasi proceduri legali u legittimi li kredituri tas-socjeta` Mixer Limited setghu jiehdu fuq l-istess proprjeta`.

Dan ikompli jikkonfermah il-fatt illi s-socjeta` Mixer Limited u dik Mixer Concrete Works Limited ghandhom l-istess diretturi u socji (eccetto illi flok jidher Sebastian Dalli qed tidher il-mara tieghu Maria bhala wahda mis-socji), mill-bqija kollox identiku (Dok A) u dan kollu jmur biex juri illi dan kien trasferiment intiz biss biex jiskapula l-ordnijiet legittimi u legali anke ta` din l-istess Qorti, izda mill-bqija intiz illi l-proprjeta` de quo tibqa` ghand l-istess sidien taht il-kappa differenti tal-persuna guridika distinta ta` kumpannija kummercjali, sabiex is-socjeta` Mixer Limited tiskapula kwalsiasi azzjoni legittima li tkun ittiehdet kontra taghha minn tersi kredituri taghha.

Ghaldaqstant dan it-trasferiment ma ghandux jikkostitwixxi raguni ghaliex jitwaqqfu il-proceduri tas-subbasta odjerna kif allegat u mitlub mis-socjeta` attrici, partecipi f`dan il-manuvrar kollu ghar-ragunijiet ovvji kif hawn fuq spjegat.

Minghajr pregudizzju u jekk l-eccezzjonijiet hawn fuq sollevati kellhom jigu skartati din l-Onorabbli Qorti, l-esponent jipprotesta ruhu ghall-ispejjes kollha minnu inkorsi stante illi f`ebda hin jew mument iehor tal-proceduri li ttiehdu mis-socjeta` esponenta, ma dik attrici indikat dan l-istat ta` fatt issa sollevat.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` attrici.

Rat il-verbal ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-30 ta` Jannar, 2003 li permezz tieghu din il-Qorti ddikjarat li l-kawza odjerna kellha tistenna l-ezitu ta` kawza ohra.

Rat in-nota tas-socjeta` Borg Transportation Limited li permezz taghha informat lil din il-Qorti li f`kawza Nru 103/1999 fl-ismijiet Magri vs Mixer Ltd et saret *res judicata* fis-17 ta` Jannar, 2006, il-kuntratt datat 9 ta` Settembru, 1998 fl-atti tan-Nutar Antoine Agius gie mhassar ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat is-sentenza tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili deciza fis-17 ta` Gunju, 2005 u dik tal-Qorti tal-Appell tas-17 ta` Jannar, 2006.

Rat il-verbal tas-seduta ta` l-4 ta` Frar, 2008 fejn id-difensuri tal-partijiet infurmaw il-Qorti li s-subbasta *de quo* issa giet konkjuza.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tiddikjara t-talba tas-socjeta` attrici hija ezawrita.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------